MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 136/2011

**Awtorita’ tad-Djar**

**vs**

**Stephen Casha [ID 286969(M)]**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

Illi l-Awtorita’ tad-Djar tikri lill-intimat il-fond maghruf bhala Entrance 35/Flat 1 Blk 3, Triq il-Kuncizzjoni Msida versu l-kera annwali ta’ €710.46 (sebgha mija u ghaxar euro u sitta u erbghin centezmu) dan l-ammont ikopri l-kera ta’ l-appartament u l-kera ta’ sehem l-inkwilin ghas-servizz ta’ manutenzjoni, konsum ta’ elettriku u linja tat-telefon necessarja ghas-servizz tal-lift. Dan kollu skont ftehim datat 22 ta’ Mejju, 2002 kopja annessa u mmarkata bhala Dok A.

Illi l-intimat jinsab moruz fil-hlas ta’ kera fl-ammont ta’ €3,908.89 (tlett elef disgha mija u tmien euro u disgha u tmenin centezmu) rapprezentanti skadenzi ta’ kera li saru dovuti ghall-perjodi indukati hawn taht:-

| | |
|---|---|
| 17/04/2007 – 17/04/2008 | €139.76 |
| 22/05/2007 – 21/05/2008 | €793.36 |
| 22/05/2008 – 21/05/2009 | €850.22 |
| 22/05/2009 – 21/05/2010 | €850.22 |
| 22/05/2010 – 21/05/2011 | €850.22 |
| 22/05/2011 – 21/11/2012 | €425.11 |

Illi l-intimat gie nterpellat biex ihallas dan l-ammont dovut pero’ baqa’ inadempjenti u dan skont document anness u mmarkati A, B, C, D u E.

Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett lil dana l-Bord joghgbu li previa kull dikjarazzjoni tkun necessarja jordna u jikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti l-ammont ta’ €3908.89 (tlett elef disgha mija u tmien euro u disgha u tmenin centezmu)

Bl-ispejjez inkluz dawk mandat ta’ sekwestru prezentati kontestwalment u bl-interessi skont il-ligi li jibdew jiddekorru mid-data ta’ kull skadenza. Il-kovenut ingunt ghas-subizzjoni.

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi kif jirrizulta mill-atti, l-intimat kienet debitament notifikat bil-procedura tal-pubblikazzjoni u naqas milli jitla’ biex jikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti kif ukoll milli jressaq objezzjoni ghall-istess talbiet;

Illi kif evidenti, l-Awtorita’ tad-Djar tikri lill-intimat l-fond deskritt veru l-kera ta’ €710.46, fis-sena liema ammont ikopri sia l-kera tal-appartament *de quo* kif ukoll s-sehem

tal-intimat ghall-ispejjez tal-*lift*.  L-intimat kien interpellat diversi drabi permezz ta’ ittra sabiex ihallas il-kera minnu dovuta izda baqa’ inadempjenti u dan kif demostrat mid-dokumenti annessi.  Ir-rapprezentant tal-Awtorita’ tad-Djar xehdet billi kkonfermat il-kontenut tar-rikors promutur bil-gurament.  Spjegat ukoll illi hija inkarigata mis-sezzjoni legali tal-Awtorita u minkejja t-talbiet taghha, l-intimat baqa’ moruz fil-hlas tal-kera.  Wara li kien hekk interpellat, l-intimat qatt ma ghamel kuntatt mal-Awotrita’;

Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti jirrizultaw pruvati u jimmeritaw li jkunu milqugha;

Ghal dawn il-motivi, l-Bord jilqa’ t-talba tar-rikorrenti u jordna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti l-ammont ta’ €3908.89 (tlett elef disgha mija u tmien euro u disgha u tmenin centezmu).  Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez kif elenkati mir-rikorrenti;

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------